

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5127 — Indra/Sita France/Renault)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 106/14)

1. Fil-21 ta' April 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża/(i) Sita France S.A. ("Sita", ta' Franza), proprjetà tas-Suez Group and Renault s.a.s. ("Renault", ta' Franza), ikkontrollat mill-grupp Renault, jakkwista fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt ta' l-impriża Indra Investments SAS ("Indra", ta' Franza), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Sita: l-immaniġġjar ta' l-iskart fi Franza,

— għal Renault: l-industrija tal-vetturi bil-mutur,

— għal Indra: is-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart fi Franza, b'konċentrazzjoni fuq id-distribuzzjoni u d-dekostruzzjoni ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw.

3. Wara eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riservata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5127 — Indra/Sita France/Renault, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussell

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.